MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2003

Numru 916/2003

Il-Pulizija
(Sp Robert Gregory)
vs
Anna Lia, bint Lawrence,
imwielda Pieta' fid-19 ta'
mejju, 1986

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputata talli f'dawn il-Gżejjer, fl-10 ta' ottubru, 2003 f'xi ħin bejn in-nofs in-nhar u is-siegħa ta' wara nofs in-nhar minn ġewwa l-lukanda Alexandra, Triq Dobbie, San Ġiljan, ikkomettiet serq ta' erbgħin Euro, liema serq hu aggravat bil-persuna għad-dannu ta' Anna Suda ta' nazzjonalita' polakka.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' novembru, 2003 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-flus kollha ġew ritornati lil sidhom.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' novembru, 2003 fejn l-imputata ammettiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha.  Rat l-artikoli 261(d), 268(a) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------